VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,421, 5 ta' Mejju, 2015*
*Taqsima B*

**A.L. 146 tal-2015**

## KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

## Regolamenti tal-2015 dwar id-Drittijiet għall-Applikazzjonijiet għar-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki għall-Avukati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 81A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 dwar id-Drittijiet għall-Applikazzjonijiet għar-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki għall-Avukati.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jiddaħħal dritt amministrattiv bil-għan li jiġi proċessat u maħruġ Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni biex tiġi prattikata l-professjoni legali kif previst fl-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki. Kap. 451.

Drittijiet li għandhom jitħallsu ma' kull applikazzjoni. Kap. 451.

**2.** Għal kull applikazzjoni għall-ħruġ ta' Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni biex wieħed jipprattika l-professjoni legali kif previst fl-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki, id-Direttur Ġenerali għall-Ġustizzja għandu jitlob dritt ta' mitt euro (€100) bħala ħlas ta' proċessar u għal spejjeż anċillari oħra relatati mal-applikazzjoni. Dan id-dritt għandu jitħallas mal-applikazzjoni u ma jkunx hemm ebda rifużjoni ta' dan il-ħlas jekk l-applikazzjoni ma tiġix milqugħa.